**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠSTRAT DR. KEVAN AZZOPARDI B.A., LL.D.**

Illum, 3 ta' Lulju 2023

Każ Numru: 552/2019

**IL-PULIZIJA**

(Spettur Marshall Mallia)

**Vs**

**Marzia Marimar Maatouk**

(Detentriċi tal-karta tal-identità Maltija bin-numru 0174000(L))

**Il-Qorti:**

Wara li rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputata, **Marzia Marimar Maatouk** ta' 19 il-sena', bint Maria Theresa Zammit, imwielda Pieta' Malta, nhar it-3 ta' April 2000, u residenti Narcis, Triq Emvin Cremona, Msida, u detentriċi tal-karta tal-identità Maltija 0174000L, akkużata talli f'dawn il-Gżejjer nhar is-27 ta' Awwissu 2019 u/jew fix-xhur ta' qabel din id-data:

"…

1. *Kellha fil-pussess tiegħu il-pjanta Cannabis kollha jew biċċa minnha bi ksur tal-Art. 8 (d) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali ċirkustanzi li juru li ma kinitx għall-użu esklussiv taghha;*
2. *Ikkommettiet dawn ir-reati fi, jew ġewwa distanza ta' mitt metru mill-parametru ta' skola, club jew xi post simili fejn normalment jiltaqgħu iż-żgħażagħ bi ksur tal-artikolu 22(2) tal-Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta;*

…"

Il-Qorti ġiet mitluba li f'każ ta' ħtija, barra milli tapplika l-piena skond il-liġi tordna wkoll lill-imputata tħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti skond l-artikolu 533 (1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex tissekwestra f'idejn terzi persuni b'mod ġenerali 'l-flejjes u l-propjetà mobbli jew immobbli kollha li jkunu dovuti lil jew ikunu jmissu lill-akkużata jew huma propjetà tagħha, kif ukoll sabiex il-Qorti tipprojbixxi lill-akkużata milli tittrasferixxi jew xort'oħra tiddisponi minn xi propjetà mobbli jew immobbli, ai termini tal-Artikolu 22A tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 Liġijiet ta' Malta u tal-Artikolu 23A tal-Kodiċi Kriminali Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat l-Ordni tal-Avukat Ġenerali, ai termini tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta) li permezz tal-istess Ordni, ordna li l-imputata titressaq quddiem il-Qorti Kriminali biex twieġeb għall-imputazzjonijiet miġjuba kontra tagħha.

Rat il-kontro ordni tal-Avukat Ġenerali, ai termini tal-Artikolu 31 tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta) li permezz tagħha, ordna li l-imputata tiġi proċessata quddiem din il-Qorti biex twieġeb għall-imputazzjonijiet miġjuba kontra tagħha.

Rat li l-imputata ddikjarat li m'għandhiex oġġezzjoni li l-kawża titkompla bi proċedura sommarja.

Rat l-assenjazzjoni li saret mis-S.T.O. il-Prim Imħallef fid-9 ta' Marzu, 2023 skont l-Artikolu 11(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12) u l-Artikolu 520 tal-Kodiċi Kriminali (Kap. 9), li biha dawn il-proċeduri rikors ġew assenjati lil din il-Qorti kif preseduta.

Rat ukoll l-eżenzjoni tal-partijiet mis-smiegħ mill-ġdid tal-provi li kienu ġia nstemgħu minn din il-Qorti diversament ippreseduta, hekk kif jirriżulta mil-verbal tat-2 ta' Ġunju 2023.

Rat ix-xhieda.

Rat l-atti proċesswali kollha tal-każ odjern u d-dokumenti esibiti.

Rat it-traskrizzjoni tas-sottomissjonijiet orali tad-difiża u rat s-sottomissjonijiet bil-miktub tal-prosekuzzjoni.

**Ikkunsidrat**

**A. <u>Fatti tal-każ</u>**

Illi in sostenn tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-imputata, il-Prosekuzzjoni ressqet is-segwenti xhieda u provi:

1. **Gilbert Mercieca** filwaqt li ppreżenta r-relazzjoni tiegħu, xehed illi fis-27 ta' Awwissu 2019 huwa ġie mgħoddi tlett dokumenti mmarkati 19 BXT 1B, 19 BXT 2B u 19 BXT 3A. Id-dokument 19 BXT 1B kien jikkonsisti f'borża tal-plastik trasparenti li ġo fiha kien instab xi materjal aħdar ta' madwar mitt (100) gramma. Id-dokument 19 BXT 2B kien jikkonsisti fl-istess tip ta' borża trasparenti u bl-istess tip ta' materjal li kien fih id-dokument 19 BXT 1B u ġo fih kien hemm aktar minn mitejn (200) gramma. Filwaqt li d-dokument 19 BXT 3A kien jikkonsisti f'borża ta' lewn iswed bl-istess tip ta' materjal aħdar, crusher tal-ħadid u nofs sigarett. Fix-xhieda tiegħu huwa jiddikjara li meta saret analiżi fuq il-materjal ta' lewn aħdar dan il-materjal ġie identifikat bħala partijiet mill-pjanta tal-Cannabis u l-piż totali kien ta' tlett mija u erbgħin (340) gramma. Il-persentaġġ ta' Cannabionoid fil-materjal kien ta' għaxra punt żero disgħa (10.09) u l-valur fis-suq kien stmat għal sitt elef, erba' mija u sitta u sittin euro (€6,466). Ġew identifikati wkoll xi traċċi ta' Cannabis minn ġewwa s-sigarett u ġewwa l-crusher tal-ħadid.

2. **Is-Supretendent George Cremona** xehed illi fis-26 ta' Awwissu kellu *operation* għaddejja u sussegwentement il-Pulizija daħlitilhom informazzjoni li ċertu Jomic Calleja, li x-xhud għaraf fl-awla, seta' kellu xi droga. Sussegwentement għal ħabta tat-tlieta u nofs ta' wara nofsinhar, is-Supretendent George Cremona u s-surġent Adrian Grima interċettaw lil Jomic Calleja ġewwa Valley Road, Birkirkara quddiem il-McDonalds, fejn wara li waqfuh u tawh id-drittijiet tiegħu kollha skont il-liġi kienet saritlu tfittxija fil-preżenza tiegħu u tas-sieħba tiegħu. Ix-xhud għarraf lil Qorti li

nstabet id-droga kemm fil-bagoll u kif ukoll fil-basket li kien fin-naħa tal-passiġġier ta' quddiem. Ix-xhud indika li huwa kien qiegħed jagħraf lill-imputata Marzia Marimar Maatouk bħala s-sieħba msemmija hawn fuq.

Sussegwentement ġiet mitluba l-assistenza ta' Pulizija oħrajn fejn skortaw lill-imputata u lis-Sur Calleja lejn il-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija filwaqt li l-vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni CSH 098 li kienet tal-kumpanija GO ġiet misjuqa mill-Pulizija u dan fil-preżenza tal-imputata u tas-Sur Calleja. Mal-wasla tagħhom ġewwa l-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija ġie infurmat l-ispettur Anthony Scerri u eventwalment ġiet infurmata b'dan il-każ il-Maġistrat tal-Għassa u nfetħet inkjesta.

Fil-kontro-eżami huwa jiddikjara li l-mandat ta' tfittxija kien maħruġ għal Jomic Calleja biss u kien sabiex isir tfittxija għal splussiv.

F'xhieda sussegwenti s-Supretendent George Cremona ikkjarifika li l-*operation* bdiet fis-26 ta' Awwissu 2019 iżda l-arrest seħħ fis-27 ta' Awwissu 2019.

3. **PS 212 Adrian Grima** xehed illi fis-26 ta' Awwissu 2019 il-Pulizija daħlitilhom informazzjoni li ċertu Jomic Calleja seta' kellu xi droga. Sussegwentement flimkien mas-Supretendent George Cremona interċettaw lil Jomic Calleja ħiereġ mill-Easy Bet ħdejn il-McDonalds ġo Valley Road, f'Birkirkara. Fil-kumpanija tiegħu kien kemm l-imputata li kienet f'karozza tal-kiri CSH 098, Renault Zoe, liema karozza kienet tal-elettriku ta' kulur abjad.

   Wara li twaqqaf mill-Pulizija, Jomic Calleja ġie nfurmat li kien qiegħed taħt arrest u wara tfittxija li saret fil-karozza fil-preżenza ta' Jomic Calleja u tal-imputata, l-Pulizija sabu żewġ basktijiet, wieħed fuq in-naħa tal-passiġġier tan-naħa tax-xellug, li kien basket tat-takeaway tal-McDonalds u li fih kien hemm sustanzi li kienu jidhru li huma sustanzi suspettużi, u ieħor fil-but tal-karozza li fih kien hemm sustanza li dehret li hija l-istess bħal tal-basktijiet l-oħra. Eventwalment is-Sur Calleja u l-imputata ttieħdu l-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija u l-iskwadra ta' kontra d-droga kompliet bl-investigazzjonijiet tagħha. Fil-karozza instabu wkoll numru ta' mobiles u anke ipad.

Illi dan l-istess xhud ikkonferma illi meta fix-xhieda tiegħu beda jagħmel referenza għal xi ħadd jismu Josmar fir-realtà kien qiegħed jirreferi għal Jomic Calleja li kien qiegħed jagħraf fl-awla.

4. **Valentina Bonello** xehdet li hija ma kinitx kriet karozza tal-GoTo u ma tafx kif għandha account mal-istess kumpanija għal kiri ta' karozza.

5. **Luke Bonello** xehed li huwa ġieli saq karozza tal-GoTo. Spjega li sabiex wieħed jagħmel użu minn karozza tal-GoTo kien meħtieġ li l-persuna tkun ilha li ġabet il-liċenzja tas-sewqan għal minimu ta' sena.

   Minħabba l-fatt li meta huwa rreġistra account mal-GoTo kien ilu anqas minn sena li ġab il-liċenzja tas-sewqan, huwa rreġistra l-account fuq u bid-dettalji ta' ommu Valerie [Valentina] Bonello. L-aħħar darba li għamel użu minn din is-sistema kien fis-16 ta' Settembru li però ma jindikax ta' liema sena.

   Meta ġie mitlub sabiex jixhed għat-tieni darba, filwaqt li reġa' irrepeta dak li kien diġà xehed fl-ewwel seduta, Luke Bonello xehed li huwa kien jagħmel użu mis-servizz tal-kumpanija GoTo kważi kuljum kif ukoll ippreżenta xi rċevuti.

   Meta reġa' ġie mitlub sabiex jixhed huwa sostna li fil-mument li kien qiegħed juża l-karozza ċertament li ma kienx fiha riħa ta' ħaxixa.

6. **Dr Marisa Cassar** filwaqt li ppreżentat ir-rapport tagħha, xehdet li minn xi esibiti ħarġu profili ġenetiċi u minn esibiti oħrajn ma ħarġux profili ġenetiċi.

   Fil-konklużjoni tal-ewwel rapport tagħha ġie determinat li mill-kampjuni li ttieħdu mill-boroż, 19BXT1B u 19BXT2B, u mill-kampjuni li ttieħdu mill-kontenitur 19BXT3A (S1) u mil-borża sewda 19BXT3A (S3) ma ħareġ l-ebda profil ġenetiku.

   Mill-kampjun li ttieħed mill-basket, 19BXT2A Basket (1) u Basket (2) mill-flok minn ġewwa u minn barra u mir-roach 19BXT3AS2 ħareġ profil ġenetiku mħallat.

Illi wara li kellha estensjoni tal-inkarigu tagħha, fejn Dr Marisa Cassar ġiet mitluba sabiex tagħmel analiżi ta' profili ġenetiċi li kienu ħarġu mill-kampjuni u l-profili ġenetiċi ta' Jomic Calleja u Marzia Maatouk hija għal darb' oħra reġgħet ġiet mitluba sabiex tippreżenta rapport ieħor u anke terġa tixhed.

Illi minn dan ir-rapport ulterjuri ta' Dr Marisa Cassar *inter alia* jirriżulta illi mill-kampjun 19BXT3A, li kien jikkonsisti f'borża tal-plastik ta' lewn iswed kontenenti sustanza suspettata illegali (li fil-fatt irriżulta li hija sustanza illegali), instab profil ġenetiku mħallat fejn jidher li hemm żewġ kontributuri u meta wieħed jikkonsidra il-profil ġenetiku li ħareġ mill-kampjun, l-ipoteżi li l-profil ġenetiku li ħareġ minn dan il-kampjun hu ta' Jomic Calleja u Marizia Martouk hija 1.10 X 10 iktar probabbli, mill-ipoteżi li l-profil ġenetiku li ħareġ mill-kampjun hu ta' żewġ persuni oħra fil-popolazzjoni.

Irriżulta wkoll li minn basket ta' lewn griż u kaħlani tad-ditta Renold flimkien mal-flok ta' lewn griż kien hemm profili ġenetiċi mħalltin u l-profil jaqbel ma ta' Jomic Calleja u persuna oħra.

7. **Spettur Anthony Scerri,** fix-xhieda tiegħu talab li jsiru xi korrezzjonijiet fl-istqarrijiet ta' Marzia Marimar Maatouk li kienu ġew ippreżentati fl-atti mal-preżentata. Fl-istqarrija ta' Marzia Marimar Maatouk datata 28 ta' Awwissu 2019 kif ukoll fl-istqarrija ta' wara datata l-4 ta' Settembru 2019 kellu jitniżżel l-isem Marzia Marimar Maatouk u mhux Maria Marimar Maatouk. Fl-istqarrija tat-28 ta' Awwissu 2019 in-numru tal-pjanċi tal-karozza kien indikat b'mod skorrett u minflok CHS 098 kellu jitniżżel CSH 098.

   Huwa ppreżenta *evidence bag* bis-*serial number* S01492915 bl-ammont ta' elfejn erba' mija tlieta u ħamsin Ewro u tmenin ċenteżmu (€2,453.80c) li ġew elevati minn fuq Jomic Calleja.

   Huwa xehed li fis-27 ta' Awwissu 2019 wara nofsinhar kien ġie infurmat mis-Supretendent Cremona tal-iskwadra kontra l-Anti Terroriżmu li huwa kien għadu kif arresta żewġ persuni a bażi ta' mandat li hu kien ottjena qabel.

Xehed li huwa niżel is-CID *yard* u seta' jinnota li kien hemm vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni CSH 098 illi ġewwa fiha kien hemm borża b'dik li kienet suspettata *cannabis grass* fuq il-*floor board* ta' fejn hemm il-passiġġier fuq quddiem u kien hemm borża oħra ġol-bagoll tal-istess għamla. Preżenti kien hemm kemm Jomic Calleja u anke Marzia Marimar Maatouk li huwa għaraf fl-awla. Huwa ġie nfurmat mis-Supretendent Cremona li l-vettura ġiet imwaqqfa minn quddiem il-McDonalds ta' Birkirkara fejn Jomic Calleja kien il-konduċent tal-vettura, filwaqt illi Marzia Marimar Maatouk kienet passiġġiera ġewwa l-istess vettura.

Illi minn tfittxija li saret fil-*handbag* ta' Marzia Marimar Maatouk li għaliha l-ispettur Anthony Scerri kien preżenti, instabet fih borża żgħira suspettata *cannabis grass.*

Ġiet infurmata l-Maġistrat tal-Għassa li ħatret diversi esperti.

Fit-28 ta' Awwissu 2019 ittieħdu l-istqarrijiet kemm ta' Jomic Calleja u anke ta' Marzia Marimar Maatouk fejn filwaqt illi Jomic Calleja għażel li ma jweġibx għal maġġor parti tal-mistoqsijiet, Marzia Marimar Maatouk qalet fost l-oħrajn li d-droga li kienet instabet fil-*handbag* tagħha kienet għall-użu personali tagħha u l-boroż misjuba fil-karozza ma kienux tagħha u li dawk l-istess boroż kienu diġà jinsabu fil-karozza meta hija flimkien ma Jomic Calleja daħlu fil-vettura.

F'dak l-istadju kemm Jomic Calleja u anke Marzia Marimar Maaktouk ingħataw il-Police bail u kienu mitluba sabiex jerġgħu jmorru l-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija fl-4 ta' Settembru 2019.

Fl-4 ta' Settembru 2019 meta Jomic Calleja u Marzia Marimar Maatouk reġgħu marru l-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija huma ġew infurmati li kienu jinsabu taħt arrest u ttieħdetilhom stqarrija oħra.

Ix-xhud għaraf l-istqarrijiet u l-firem li kien hemm fuq l-istqarrijiet, kemm dik ta' Jomic Calleja u kif ukoll ta' Marzia Marimar Maatouk.

Fil-kontroeżami, l-ispettur Anthony Scerri ikkonferma li l-ewwel *warrant* kien jittratta dwar materjal splussiv u mhux drogi.

8. **Jonathan Tominga,** xehed li huwa Chief Marketing Officer ta' GoTo Malta li hija kumpanija fejn persuni jistgħu jissellfu l-vetturi u dan jistgħu jagħmluh permezz ta' *app*.

Il-klijenti jidħlu fl-*app* u jistgħu jirreġistraw billi jimlew id-dettalji rikjesti inkluż isem, indirizz, numru tat-telephone, kopja tal-liċenzja tas-sewqan u tal-karta tal-identità.

Ix-xhud ippreżenta dokument li kien immarkat Dok. JT1 fejn fih hemm indikat li l-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni CSH 098 fis-27 ta' Awwissu 2019 ġiet użata minn Clayton Buttigieg, Szilard Sciszer, Fabian Osami, Maks Vmschvhol, Valerie Bonello u Jomic Calleja.

9. **PC 123 Roderick Vassallo** xehed kif l-involviment tiegħu f'dan il-każ kien billi fis-27 ta' Awwissu 2019 kien ċempillu s-Supretendent Cremona sabiex hu flimkien ma WPC 155 imorru jassistuh ħdejn il-McDonalds ta' Birkirkara għax kellu żewġ persuni miżmuma. Rikbu fil-karozza tal-kiri u saqu lejn il-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija. Huwa ma ftakarx x'vettura kienet u n-numri tagħha.

Fl-awla 'x-xhud għaraf kemm lil Jomic Calleja u anke lil Marzia Marimar Maatouk.

10. **Timothy Losito** xehed u ippreżenta ir-rapport tiegħu immarkat Dok TL1 u formalment ippreżenta *Pendrive* u tlett *external hard drives* li materjalment jinsabu fil-proċess tal-kawża - Il-Pulizija vs Jomic Calleja.

11. **WPC 155 Kelsey Muscat Sacco** fix-xhieda tagħha ddikjarat li fis-26 ta' Awwissu għal-ħabta tal-erbgħa neqsin kwart, is-Supretendent George Cremona kien bagħat għaliha sabiex tmur tassistih għaliex kien għadu kif arresta persuna femminili ħdejn il-McDonalds ta' Valley Road, Birkirkara. Hija ngħatat struzzjonijiet sabiex teskorta lil din il-persuna lejn il-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija fil-karozza CSH 098. Hija iddikjarat li dik il-persuna kien jisimha Marzia Maatouk u li kienet qegħda tagħrafha fl-awla.

12. **Stephen Cachia** in rappreżentanza ta' Transport Malta xehed u ppreżenta dokument li juri li l-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni CSH 098 tal-għamla Renault Zoe ta' kulur abjad hija rreġistrata fuq ċertu Geoffrey Debono għan-nom ta' Car Sharing Services Malta Limited.

13. **PS 285 Jeffrey Cutajar** xehed kif fis-27 ta' Awwissu 2019 huwa ġie msejjaħ mis-Supretendent George Cremona flimkien mas-Surgent bin-numru 212 sabiex jassisti biex ifittxu lil Jomic Calleja minħabba li l-istess Jomic Calleja seta' kellu xi droga.

    Huma lemħu lil Jomic Calleja ħdejn il-McDonalds ta' Birkirkara fejn kellu karozza tal-kiri u kien fil-kumpanija ta' Marzia Maatouk li kien qiegħed jgħarafhom ġewwa l-awla.

    Minn tfittxija li saret fil-karozza nstabu żewġ basktijiet wieħed fuq quddiem u ieħor fuq wara li kellu xi sustanza suspettuża.

14. **Maria Dolores Fenech** fil-kwalità tagħha ta' Assistent Reġistratur tal-Qorti Kriminali eżebiet kopji tal-*bail conditions* fil-konfront ta' Jomic Calleja.

15. **PS959 Daniel Frendo u PC976 Thomas Zammit,** ikkonfermaw li huma qegħdin jagħrfu kemm ir-rapport tagħhom u anke il-firem tagħhom liema rapport kien immarkat DOK TZ (fol 240 tal-proċess) li kien ġie ppreżentat quddiem il-Maġistrat Inkwirenti.

16. **Brian Farrugia** ippreżenta elenku tal-assi ta' Marizia Marimar Maatouk.

17. **Joseph Saliba** ippreżenta u xehed rigward l-*employment history* ta' Marzia Marimar Maatouk.

18. **L-Ispettur Omar Zammit** xehed li huwa ma kienx involut fl-investigazzjoni ta' din il-kawża.

*19.* **L-Ispettur Timothy Zammit** wara li ġie muri fol 212 huwa kkonferma li kien hu li ħareġ l-irċevuta wara tfittxija li kienet saret mis-*Cyber Crime Unit* fil-fond *Bitcoin Auto Trader* Ħal-Qormi fejn matul dik it-tfittxija kienu ngabru żewġ kompjuters u *Apple Tv Device.*

20. **PS 169 Jurgen Schembri** ippreżenta dokument immarkat Dok JS1 b' erbgħa impronti li kienu ġew żviluppati, flimkien ma CD kontenenti xi ritratti. Minn analiżi ta' l-imsemmija CD jirriżultaw numru ta' ritratti fosthom ritratti ta' irċevuta tal-McDonalds ta' B'Kara.

21. **Joseph Mallia** ippreżenta r-rapport tiegħu u xehed illi fis-27 ta' Jannar 2019 ġewwa l-Għassa tal-Pulizija ta' Tas-Sliema kien ħa xi mpronti diġitali u l-pali tal-marki tal-idejn ta' Marzia Marimar Maatouk.

    Huwa kien ġie awtorizzat li jirtira mill-proċess Dokument JS1 li huwa r-rapport ta' PS169 Jurgen Schembri li kien fih CD li kellha fiha impronti diġitali li kienu ġew żviluppati.

    Mix-xhieda u mir-rapport tiegħu jirriżulta li kien hemm xi impronti li ma kienux tajbin għal fini ta' komparazzjoni u kien hemm xi impronti oħrajn li kienu tajbin, u li iżda meta saret il-komparazzjoni l-ebda impronta ma kienet qablet ma' ta' Marzia Marimar Maatouk.

    Illi fis-27 ta' Jannar 2019 ġewwa l-Għassa tal-Pulizija ta' Tas-Sliema kien ħa wkoll xi impronti digitali u l-pali tal-marki tal-idejn ta' Jomic Calleja.

    Illi kif diġà ngħad jirrizulta li mill-impronti diġitali li hemm fir-rapport ta' PS169 Jurgen Schembri kien hemm xi impronti li kienu tajbin għal fini ta' komparazzjoni u meta saret il-komparazzjoni waħda mill-impronti kienet taqbel ma parti mill-pala tal-id ix-xellugija tal-istess Jomic Calleja.

    Illi Joseph Mallia fis-seduta tal-20 ta' Mejju 2021 kien ġie awtorizzat sabiex jieħu kopja tal-impronti diġitali u l-marki tal-pali tal-idejn ta' Luke Bonello, kif ukoll kien ġie awtorizzat sabiex jagħmel l-eżami komparattiv.

    Fir-rapport tiegħu mmarkat Dok JM2 huwa ikkonkluda li l-ebda impronta ma kienet taqbel ma dik ta' Luke Bonello.

22. **Il-Perit Nicholas Mallia** bil-ġurament tiegħu xehed u ħalef r-rapport tiegħu mmarkat DOK NM1.

    Il-Perit Nicholas Mallia kien ġie nominat bħala perit tekniku sabiex jaċċedi fl-akwata ta' Triq il-Wied ġewwa Birkirkara u jipprepara pjanta tas-sit fejn jiġu ndikati id-distanzi relevanti bejn l-il-post ta' fejn sar l-arrest ta' Marzia Marimar Maatouk u postijiet bħal skejjel, ċentri għaż-żgħażagħ u postijiet oħra fejn iż-żgħażagħ jiltaqgħu u li jinsabu sa mitt metru (100m) 'il bogħod mill-post tal-allegat arrest.

    Jirriżulta li l-Każin tal-Partit Nazzjonalista bl-isem Dar Eddie Fenech Adami, l-Każin Santa Liena – Banda Duke of Connaught's Own, Gove Bar, il-Każin Laburista ta' Birkirkara u il-McDonalds ilkoll jinsabu f'distanza ta' anqas minn mitt metru (100m) bogħod mill-post ta' fejn sar l-arrest ta' Marzia Marimar Maatouk.

23. **L-Istqarrija ta' Marzia Marimar Maatouk datata 28 ta' Awissu 2019,** fejn fiha stqarret li d-droga li kienet instabet fil-*handbag* tagħha kienet għall-użu personali tagħha u l-boroż misjuba fil-karozza ma kienux tagħha u li dawk l-istess boroż kienu jinsabu hemmhekk meta hija daħlet fil-vettura.

24. **L-Istqarrija ta' Marzia Marimar Maatouk datata 28 ta' Awissu 2019,** fejn fiha għażlet li ma tirrispondix għad-domandi.

25. **Il-*procès-verbal* bin-numru 902/19**.

Illi in sostenn tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-imputata, id-Difiża ressqet is-segwenti xhieda u provi:

1. **Il-Probation Officer Noelene Cassar** ippreżentat u xehdet fuq is-Social Inquiry Report imħejji minnha stess. Minn dan ir-rapport jirriżulta li l-imputata Marzia Marimar Maatouk kellha tfulija instabbli, ġiet imrobbija minn nanniet tagħha u konsegwentement nieqsa mill-imħabba tal-ġenituri.

Jirriżulta li minkejja li jidher li l-imputata ssostni li hija mpjegata *full time* bħala artista u *part time* ġo pastizzerija però dawn l-impjiegi ma humiex reġistrati mal-awtoritajiet. Illi minn sittax il-appuntament hija attendiet għal seba' appuntamenti biss. F'hames okkażjonijiet waqt dawn l-appuntamenti Marzia Marimar Maatouk ġiet mitluba li tissottometti kampjuni tal-awrina li kollha rriżultaw fil-pożittiv għal-kannabis iżda fin-negattiv għas-sustanza tal-kokaina u eroina.

Fil-passat hija kienet tagħmel użu mid-droga sintetika u mid-droga kokaina iżda fil-preżent tagħmel użu mill-kannabis biss għal-skopijiet mediċinali u infatti għandha ċertifikat mis-Supretendent tas-Saħħa Pubblika.

2. **Jonathan Attard** ippreżenta l-applikazzjoni ta' Dr Francis Fenech datata 15 ta' Settembru 2021 sabiex l-imputata Marzia Marimar Maatouk tinħargilha l-kartuna l-bajda li hija tal-mediċini perikolużi u narkotiċi, liema applikazzjoni ġiet sottomessa fis-sezzjoni ta' *drug control section*. Il-kartuna l-bajda nħarġitilha fit-30 ta' Settembru 2020.

3. Illi l-imputata għażlet li ma tixhidx f'dawn il-proċeduri **u dan hekk kif hija kellha kull dritt li tagħmel.**

## B. <u>Kunsiderazzjoni dwar ħtija o meno</u>

### 1. Konsiderazzjonijiet Legali fir-rigward tal-Livell ta' Prova Rikjesta

Illi huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-aħjar provi sabiex tikkonvinċi lill-Qorti li l-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-imputata huma veri. Huwa prinċipju bażiku prattikat mill-Qrati tagħna fil-proċedimenti kriminali li biex l-imputata tiġi ddikjarata ħatja, l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-imputata għandhom jiġu ppruvati oltre kull dubju raġonevoli, cioé oltre kull dubju dettat mir-raġuni.

Hawnhekk il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza tal-**Qorti tal-Appell Kriminali tas-7 ta' Settembru 1994 fl-ismijiet Il-Pulizija vs. Philip Zammit et** u tgħid però li

mhux kull l-iċken dubju huwa biżżejjed sabiex persuna akkużata tiġi ddikjarata liberata. Hemm bżonn li *"dubju jkun dak dettat mir-raguni"*.

Fil-fatt fis-sentenza mogħtija **mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-5 ta' Diċembru 1997 fl-ismijiet Il-Pulizija vs. Peter Ebejer**, dik il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilħaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jħalli ebda dubju dettat mir-raġuni u mhux xi grad ta' prova li ma jħalli ebda ombra ta' dubju. Mhux kull dubju għandu jitqies bħala dubji dettat mir-raġuni. Fi kliem ieħor, dak li l-Ġudikant irid jasal għalih hu, li wara li jqis iċ-ċirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-buon sens tiegħu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni.

Fil-fatt dik il-Qorti ċċitat l-ispjegazzjoni mogħtija minn **Lord Denning fil-każ Miller vs. Minister of Pension - 1974 - 2 ALL ER 372** tal-espressjoni "proof beyond a reasonable doubt":

> *"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the least probable' the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice".*

2. **L-Ewwel Imputazzjoni: Pussess Aggravat tal-pjanta cannabis nhar is-27 ta' Awwissu 2019 u/jew fix-xhur ta' qabel din id-data.**

Illi f'din l-imputazzjoni, l-imputata qegħda tiġi akkużata b'pussess aggravat tal-pjanta cannabis u dan nhar is-27 ta' Awwissu 2019 u/jew fix-xhur ta' qabel din id-data.

Il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Marius Magri deċiża fit-12 ta' Mejju 2005, fejn il-Qorti tal-Appell Kriminali** qalet hekk:

> *"Illi dawn il-każijiet mhux l-ewwel darba li jippreżentaw ċerta diffikolta` biex wieħed jiddetermina jekk id-droga li tkun instabet kinitx intiża għall-użu personali jew biex tiġi spaċċata. Il-prinċipju regolatur f'dawn il-każijiet hu li l-Qorti trid tkun sodisfatta lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni w a bażi tal-provi li jinġabru mill-*

*Prosekuzzjoni li l-pussess tad-droga in kwistjoni ma kienx ghall-użu esklussiv (jigifieri għall-użu biss) tal-pussessur. Prova, ossia cirkostanza wahda f'dan ir-rigward tista', skond ic-cirkostanzi tal-kaz, tkun biżżejjed. (**Ara App. Krim. Il-Pulizija vs. Carmel Degiorgio [26.8.1998]**). Meta l-ammont tad-droga jkun pjuttost sostanzjali, din tista' tkun ċirkostanza li waħedha tkun biżżejjed biex tissodisfa lill-Qorti li dak il-pussess ma kienx għall-użu esklussiv tal-ħati. (**Ara Appell Kriminali: Il-Pulizija vs. Carmel Spiteri [2.9.1999]**.)*

*Illi però kif ġie ritenut minn din il-Qorti, kif preseduta, kull każ hu differenti mill-ieħor u jekk jirriżultawx iċ-ċirkostanzi li jwasslu lill-Ġudikant għall-konvinzjoni li droga misjuba ma tkunx għall-użu esklussiv tal-akkużat, fl-aħħar mill-aħħar, hija waħda li jrid jagħmilha l-Ġudikant fuq il-fattispeċji li jkollu quddiemu w ma jistax ikun hemm xi hard and fast rule x'inhuma dawn iċ-ċirkostanzi indikattivi. Kollox jiddependi mill-assiem tal-provi u mill-evalwazzjoni tal-fatti li jagħmel il-Ġudikant u jekk il-konklużjoni li jkun wasal għaliha il-Ġudikant tkun perfettament raġġunġibbli bl-użu tal-loġika w l-buon sens u bazata fuq il-fatti, ma jispettax lil din il-Qorti li tissostitwiha b'oħra anki jekk mhux neċessarjament tkun l-unika konkluzjoni possibbli. (**App. Krim. Il-Pulizija vs. Brian Caruana [23.5.2002]**)".*

Illi fis-sentenza tagħha tat-**18 ta' Awwissu 2005, fl-ismijiet Il-Pulizija vs. Stephen Abela, il-Qorti tal-Appell Kriminali** rriteniet hekk:

*"Li stabbilit li kull każ irid ikun studjat għalih, kif ukoll li ndizju wiehed hu bizzejjed biex il-Qorti tasal għal-konklużjoni li l-pussess ikun wiehed aggravat, il-Qorti pero` trid tkun sodisfatta mill-provi migjuba li dawn iwasslu ghal din il-konklużjoni. Meta l-ammont ma jkunx wieħed li normalment jassoċja ma' uzu esklussiv da parti tal-possessur, ikun jispetta lill-imputat, imqar fuq bazi ta' probabbilta`, li jipprova li dak kien ghall-użu esklussiv tieghu w dan bl-applikazzjoni tal-Artikolu 26(1) tal-Kap. 101".*

Illi fid-deċiżjoni mogħtija **fit-2 ta' Settembru 1999 fil-kawza fl-ismijiet Il-Pulizija vs. Jason Mallia, il-Qorti tal-Appell** qalet hekk:

*"Jekk tiġi ppruvata, miċ-ċirkostanzi, tali intenzjoni [l-animus li jispaċċa d-droga] allura ċertament dak il-pussess ma jkunx ghall-użu esklussiv tal-pussessur. Izda tali intenzjoni mhix meħtieġa ghall-finijiet tal-aggravanti in kwistjoni. Dak li l-liġi tirrikjedi hu li jiġu pruvati ċirkostanzi li jissodisfaw lill-Qorti sal-grad tal-konvinciment morali "li dak il-pussess ma kienx għall-uzu esklussiv tal-ħati". Fi kliem iehor, jekk persuna jkollha pussess ta' droga li mhix bi ħsiebha tuża, tali pussess ikun jammonta għal pussess mħux għall-użu esklussiv tal-pussessur, anke jekk il-pussessur ikun għadu ma ddeċidiex kif bi ħsiebu*

*jiddisponi altrimenti minn dik id-droga. Bil-kelma "użu" il-leġislatur ried ifisser "konsum", u cioé li l-pussessur juża huwa stess dik id-droga ossia jabbuża minnha billi jikkonsmaha. Għalhekk, persuna li ma jkollhiex il-ħsieb li tuża d-droga izda li zzomm dik id-droga għandha mingħajr raġuni valida skond il-liġi biex eventwalment tara x'tagħmel biha, ikollha mhux biss pussess ta' dik id-droga, izda dak il-pussess ma jkunx jista' jingħad li hu għall-użu esklussiv tagħha".*

Illi f'dan il-każ li għandha quddiema, l-Qorti wara li tanalizza l-provi kollha miġjuba mill-Prosekuzzjoni trid tiddeċiedi jekk il-verżjoni mogħtija minn Marzia Marimor Maatouk fl-istqarrija tagħha tat-28 ta' Awwissu 2019 għandhiex mis-sewwa jew le.

Dan qiegħed jingħad għaliex f'dik l-istqarrija filwaqt li l-imputata tammetti li l-borża s-sewda bil-cannabis u crusher misjuba fil-*handbag* hija fil-fatt tagħha u li d-droga misjuba f'dik il-borża s-sewda kienet għall-użu personali tagħha, madanakollu ssostni li l-boroż l-oħra misjuba fil-karozza ma humiex **la tagħha u lanqas ta' Jomic Calleja** u ssostni li l-borża u cioe il-basket tal-McDonalds li nstab ħdejn riġlejha kien fil-karozza minn qabel ma l-imputata u Jomic Calleja daħlu fil-vettura.

Jekk il-Qorti temmen il-verżjoni mogħtija minn Marzia Marimor Maatouk fl-istqarrija tagħha tat-28 ta' Awwissu 2019 allura ma għandhiex issib lill-imputata ħatja tal-ewwel imputazzjoni. Iżda jekk din il-Qorti wara li tanaliżża l-provi kollha miġjuba quddiemha mill-Prosekuzzjoni tkun moralment konvinta li l-Prosekuzzjoni ppruvat il-każ tagħha sal-grad rikjest fil-kamp penali u konsegwentement li l-verżjoni mogħtija minn Marzia Marimor Maatouk fl-istqarrija tagħha tat-28 ta' Awwissu 2019 ma għandhiex mis-sewwa, hija se tkun qegħda ssib lill-imputata Marzia Marimor Maatouk ħatja tal-ewwel imputazzjoni, u dan abbażi tar-raġunament kif espost mil-Qorti aktar il-quddiem.

**Il-Qorti għaldaqstant se tiffoka fuq din l-istqarrija sabiex tistabbilixxi l-ġenwinità jew mod ieħor tal-imputata.**

Din il-Qorti tibda billi tagħmel referenza għal-kopja ta' ritratt ta' irċevuta fiskali li tinsab a fol 260 tal-proċess. Jirriżulta li dik l-irċevuta hija maħruġa mill-istabbiliment tal-McDonalds u dik l-istess irċevuta jidher li kienet fil-basket tal-McDonalds li kien ħdejn saqajn l-imputata flimkien mal-borża bid-droga u dan kif jindika r-ritratt li jinsab a fol 253 tal-proċess. Dawn ir-ritratti jiffurmaw parti mill-*procès-verbal* bin-numru 902/19. Jirriżulta li l-oriġinal tal-imsemmi *procès-verbal* jinsab eżebit fl-atti tal-kawża l-Pulizija vs Jomic Calleja, filwaqt li fl-atti odjerni ġiet esebita biss kopja *black and white* tal-

imsemmi *procès-verbal.* L-istess irċevuta ġiet fotografata minn Ps 169 Jurgen Schembri u tifforma parti mill atti f'envelope b' CD a fol 439.9 kontenenti xi ritratti fosthom ritratt tal-irċevuta msemmija.

Mil-imsemmija irċevuta wieħed jista' jistabbilixxi li dik l-irċevuta nħarġet propju mill-McDonalds li jinsab ġewwa Valley Road Birkirkara, fis-27 ta' Awwissu 2019. Madanakollu wieħed ma jistax jistabbilixxi b' ċertezza l-ħin imniżżel fuq din l-irċevuta. Tali ritratt huwa prova fundamentali li a bażi tagħha biss il-Prosekuzzjoni tista' tipprova l-każ tagħha sal-grad rikjest fil-kamp penali. Din il-prova kienet tkun konklussiva kieku minnha setgħa joħroġ il-ħin. Dan qiegħed jingħad għaliex jekk il-ħin indikati fl-irċevuta misjuba kien juri li l-irċevuta nħarġet, fl-istess ħin li l-imputata u Jomic Calleja għamlu użu mill-vettura ta' GoTo Malta bin-numru ta' reġistrazzjoni CSH 098, allura fuq din il-prova biss din il-Qorti kienet tkun moralment konvinta li l-Prosekuzzjoni ppruvat il-każ tagħha sal-grad rikjest fil-kamp penali u konsegwentement l-verżjoni mogħtija minn Marzia Marimor Maatouk fl-istqarrija tagħha tat-28 ta' Awwissu 2019 ma għandhiex mis-sewwa.

F'dan l-istadju l-provi tal-Prosekuzzjoni huma magħluqa u din il-Qorti trid toqgħod fuq il-provi prodotti fl-atti. Dan qiegħed jingħad peress li l-Qorti ma għandhiex u lanqas ma għandu jkollha aċċess għall-atti oriġinal tal-imsemmi *procès-verbal* li jinsabu fl-atti tal-kawża l-Pulizija vs Jomic Calleja. Ġialadarba dawn l-atti oriġinali m'humiex esebiti fl-atti tal proċess odjern. Li kieku din il-Qorti kellha aċċess għall-atti oriġinal tal-*procès-verbal*, hija wisq probabbli kienet tkun tista' tistabbilixxi l-ħin li fih inħarġet din l-irċevuta.

Illi għalhekk il-Qorti se tkun qegħda tanalizza l-provi l-oħra kollha prodotti mill-Prosekuzzjoni li jikkoraboraw din il-prova. Kif ingħad fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali, **Ir-Repubblika ta' Malta vs George Spiteri**, deċiża fil-5 ta' Lulju 2002:

> *"Il-prova indizzjarja trid tkun waħda assolutament univoka, li tipponta biss mingħajr dubju dettat mir-raġuni lejn fatt jew konklużjoni wahda . . . . biex prova ndizzjarja tiġi ammessa bħala prova valida fis-sens li wieħed jista' raġjonevolment jasal għall-konklużjoni tiegħu ta' ħtija in 16eċi tagħha bla ebda dubju dettat mir-raguni, irid ikun moralment konvint minn dan ir-rekwiżit tal-univoċita tagħha, cioe li dik il-prova tfisser biss u xejn aktar li l-akkużat huwa ħati ta' dak addebitat lilu, w, allura kull dubju* ***raġjonevoli*** *fir-rigward għandu jmur favur l-akkuzat skont il-ligi."*

Fis-sentenza **Il-Pulizija vs Cyrus Engerer** deċiża fit-8 ta' Mejju 2014, il-Qorti tal-Appell Kriminali rriteniet illi:

> "*Biex wieħed jistabbilixxi jekk l-provi ċirkostanzjali huma univoċi wiehed irid jara l-assjem ta' dawn iċ-ċirkostanzi miġjuba bħala prova u li dan il-konvinċiment morali huwa wieħed ibbażat sal-grad rikjest tal-prosekuzzjoni tac-ċertezza morali (u mhux dik assoluta) jew il-prova lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni. In oltre il-konkluzjoni biex tkun univoka mhux neċessarjament trid tkun l-uniku xenarju li jista jintlaħaq iżda trid tkun l-unika waħda li tista twassal għal ħtija b'mod raġonevoli kontra dak li jkun. Fi kliem ieħor jekk jinħoloq dubju dwar l-univoċita tal-provi ċirkostanzjali liema xenarju alternattiv ma jkunx wieħed raġonevoli, dan ma jistax iwassal sabiex il-Qorti tillibera a bażi ta n-nuqqas ta' univoċita*"

Illi fil-kawza **The Police vs Lela Ristic** deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fil-15 ta' Diċembru 2015 ingħad li:

> *"At law the position in Malta relative to circumstantial evidence that can lead to a conviction was analysed in various judgments, including Il-Pulizija vs. Abderrah Berrad et decided by the Court of Magistrates (Malta) where the main principles were outlined as follows :*
>
> *Huwa veru wkoll li l-Qorti għanda tqis provi ċirkostanzjali jew indizzjarji sabiex tara jekk hemmx irbit bejn l-imputat u l-allegat reat. Dan qed jingħad għaliex għalkemm huwa veru li fil-kamp penali l-provi ndizzjarji ħafna drabi huma aktar importanti mill-provi diretti, pero' hu veru wkoll li provi ndizzjarji jridu jiġu eżaminati b'aktar attenzjoni sabiex il-ġudikant jaċċerta ruħu li huma univoċi. Fil-fatt il-Qorti hawnhekk tagħmel referenza għall-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-ħmistax (15) ta' Gunju, 1998 fil-kawża fl-ismijiet 'Il-Pulizija vs Joseph Lee Borg', fejn kien ġie ritenut li provi jew indizzji ċirkostanzjali għandhom ikunu univoċi, cioe' mhux ambigwi. Għandhom ikunu ndizzji evidenti li jorbtu lill-akkużat mar-reat u ħadd iktar, anzi l-akkużat biss, li hu l-ħati u l-provi li jiġu imressqa, ikunu kompatibbli mal-presunżjoni tal-innoċenza tiegħu. Illi għalhekk huwa mportanti fl-isfond ta' dan il-każ li jigi ppruvat li kien l-imputat biss li għamel dak li ġie akkużat bih u għalhekk il-Qorti sejra tikkonsidra kwalunkwe prova possibilment ċirkostanzjali li tista' torbot lill-imputat b'mod univoku bir-reati addebitati lilu. Fil-fatt kif gie ritenut fis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sitta (6) ta' Mejju, 1961 fil-kawża fl-ismijiet 'Il-Pulizija vs Carmelo Busuttil', "Il-prova ndizzjarja ta' spiss hija l-aħjar prova talvolta hija tali li tipprova fatt bi preċizjoni matematika." Illi huwa veru li fil-kamp penali, il-provi ndizzjarji ħafna drabi huma aktar importanti mill-provi diretti. Hu veru wkoll li l-provi ndizzjarji jridu jiġu eżaminati b'aktar attenzjoni sabiex wieħed jaċċerta ruħu li huma univoċi.*
>
> *Archbold fil-ktieb tiegħu Criminal Parctice (1997 edition para 10-3) b'referenza għal dak li qal Lord Normand fil-kaz Teper vs R (1952)*

*jgħid: "Circumstantial evidence is receivable in Criminal as well as in Civil cases; and indeed, the necessity of admitting such evidence is more obvious in the former than in the latter; for in criminal cases, the possibility of proving the matter charged by the direct and positive testimony of eye witnesses or by conclusive documents much more than in civil cases; and where such testimony is not available. The Jury is permitted to infer the facts proved other facts necessary to complete the elements of guilt or establish innocence. It must always be narrowly examined, if only because evidence of this kind may be fabricated to cast suspicion on another... It is also necessary before drawing the inference of the accused's guilt from circumstantial evidence to be sure that there is no other coexisting circumstance which would weaken or destroy the inference." Illi din hija eżattament il-posiżżjoni hawn Malta, kif fil-fatt giet konfermata b'sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar d-disgħa ta' Jannar, 1998 fil-kawża fl-ismijiet 'Il-Pulizija vs Emanuel Seisun'.*

*Thus in order for a Court of Criminal Jurisdiction to be able to secure a conviction on the basis of circumstantial evidence :-*

*(a) it has to assess this evidence with a high degree of circumspection and attention (if only because evidence of this kind may be fabricated to cast suspicion on another);*

*(b) it has to be sure that a direct link is established between the alleged perpetrator and the offence itself – and no other person apart from the accused;*

*(c) it has to be univocal and not equivocal or ambiguous (It is also necessary before drawing the inference of the accused's guilt from circumstantial evidence to be sure that there is no other co-existing circumstance which would weaken or destroy the inference);*

*(d)it has to ensure the continuity of the chain of evidence;*

*(e) it has to be such that it leads the Court to conclude, solely on its basis that the accused committed the crime beyond a reasonable doubt."*

Mix-xhieda ta' Jonathan Tominga, Chief Marketing Officer ta' GoTo Malta jirriżulta li fis-27 ta' Awwissu 2019 il-vettura li fiha nstabet id-droga ġiet użata minn Clayton Buttigieg, Szilard Sciszer, Fabian Oazimi, Maksvm Shchvhol, Valerie Bonello u Jomic Calleja. Mix-xhieda ta' Luke Bonello ġie stabbilit li minflok Valerie Bonello l-istess vettura ġiet użata minn Luke Bonello.

Mid-dokument ippreżentat minn Jonathan Tominga a fol 108 bi skeda bid-dettalji ta' l-użu tal-vettura fis-27 ta' Awissu 2019, inkluż isem il-klijent, il-ħin li ntużat, u lokalitajiet minn fejn inġabret u tħalliet il-vettura, jirriżulta li Clayton Buttigieg għamel

użu minn din il-vettura bejn 02.49am sa 02.56am u cioe għal perjodu ta' **seba' minuti**, fejn dan ġabar il-vettura minn Lewż, Triq taż-Żwejt, San Gwann u ħalla l-vettura f'55, Triq ix-Xatt, Sliema. Szilard Sciszer jidher li ikkanċella u lanqas biss għamel użu mill-vettura. Fabian Osami għamel użu mill-vettura bejn 09.37am sa 09.42am u cioe għal perjodu ta' **ħames minuti**, fejn dan ġabar il-vettura minn f'55, Triq ix-Xatt, Sliema u ħalla l-vettura f'Ta Xbiex, Malta. Maksvm Shchvhol għamel użu mill-vettura bejn l-10.06am u 10.15am u cioe għal perjodu ta' **disa' minuti**, fejn dan ġabar il-vettura minn f' 5, Mer Dandria, Ta Xbiex, u ħalla l-vettura f'16, Triq l-Ewkaliptus, San Gwann. Luke Bonello għamel użu mill-vettura bejn 10.30am u 10.43am u cioe għal perjodu ta' **tlettax il-minuta**, fejn dan ġabar il-vettura minn 16, Triq l-Ewkaliptus, San Gwann u ħalla l-vettura f' 169, Pinto, Qormi. Jomic Calleja u l-imputata Marzia Marimor Maatouk daħlu fil-karozza f'12.01pm u ġew arrestati fl-erba' neqsin kwart ta' wara nofsinhar, jiġifieri għamlu użu mil-vettura għal **kważi erba' siegħat**, u dan kif tikkonferma l-imputata stess fl-ewwel stqarrija tagħha tat 28 ta' Awwissu 2019, u dawn ġabru l-vettura minn 260, Triq il-Vitorja, Qormi.

Il-Qorti tikkonsidra li filwaqt li l-persuni l-oħra msemmija għamlu użu minn din il-vettura għal ftit minuti biss, min-naħa l-oħra sal-mument li ġew arrestati l-imputata u Jomic Calleja kienu diġà ilhom jużaw din il-vettura għal aktar minn tlett sigħat u nofs.

Mil-atti jirriżulta li 'l-basket bid-droga li kien jinsab eżatt ħdejn saqajn l-imputata, kien basket tal-McDonalds. L-imputata ġiet arrestata viċin ħafna tal-istabbiliment tal-McDonalds. Skond ir-relazzjoni tal-Perit Nicholas Mallia l-imputata ġiet fil-fatt arrestata f'distanza ta' tletin metru minn fejn jinsab il-McDonalds ta' Birkirkara. Skont id-dokument esibit minn Jonathan Tominga a fol 108, bi skeda bid-dettalji ta' min uża l-vettura, f'liema ħin, u destinazzjonijiet, jirrizulta li fil-ħinijiet qosra li ntużat il-vettura fis-27 ta' Awwissu 2019 minn persuni qabel ma din intużat mill-imputata u Jomic Calleja, huwa fiżikament impossibbli fil ħin ristrett (seba', ħames, disa' u tlettax il-minuta) li din instaqet mil-lokalita di partenza (San Gwann, Sliema, Ta' Xbiex, San Gwann u Ħal Qormi) sal-McDonalds ta' Birkirkara, minn fejn imbagħad inxtara l-ikel li tpoġġa ġol-basket li nstab fil-karozza ħdejn saqajn l-imputata flimkien ma l-irċevuta tal-McDonalds stess bid-data tas-27 ta' Awissu, u reġgħet instaqet sad-destinazzjoni finali ta' kull traġitt.

Il-Qorti tqis ukoll li Luke Bonello waqaf mil użu ta' din il-vettura fl-għaxra u tlieta u erbgħin minuta ta' filgħodu, filwaqt li l-imputata u Jomic Calleja bdew jużaw din il-vettura f'nofsinhar u minuta. Jiġifieri l-imputata u Jomic Calleja ma bdewx jużaw din il-vettura immedjatament jew ftit minuti wara li kienet għadha kemm ġiet użata minn Luke Bonello, iżda daħlu ġo din l-istess vettura aktar minn siegħa u kwart wara li intużat minn Luke Bonello.

Illi din il-Qorti tikkunsidra li huwa tassew improbabbli li individwu waqt li jkun qed juża karozza tal-GoTo, jkun poġġa u ħalla aktar minn tlett mitt gramma cannabis b'valur stmat ta' aktar minn sitt elef Euro meta jaf li din l-istess karozza waqt li ma jkunx qed juża hu, din tista' tintuża minn ħaddieħor, u dan jirriskja b'dan il-mod billi jippermetti li għal aktar minn siegħa din l-istess karozza, bid-droga ġo fiha, tkun disponibbli għal ħaddieħor.

Il-Qorti ma tistax ma tirrimarkax li huwa ferm remot li persuna ma tindunax li f' vettura li tkun se tuża, jkun hemm fiha aktar minn tlett mitt gramma tal-cannabis meta din, ġo post daqshekk ristrett tħalli riħa daqstant qawwija. Jingħad li kull persuna li tinduna li fil-karozza li se tkun qed tagħmel użu minnha, li kienet użata minn terzi u li fiha hemm id-droga, ċertament li ma tagħmilx użu minnha.

Fix-xhieda tiegħu Luke Bonello jsostni li fil-mument li kien qiegħed juża l-karozza ċertament li ma kienx fiha riħa ta' cannabis. Mil banda l-oħra l-imputata fl-istqarrija tagħha fl-ebda mument ma nfurmat lill-investigatur li hija fil-fatt kienet xammet ir-riħa tal-cannabis fil-karozza. Din il-Qorti hi tal-fehma li persuna li tagħmel użu mil-cannabis frekwentement jekk mhux ta' kuljum, kif tiddikjara l-imputata stess fl-istqarrija tagħha, hija iktar suscettibli li xxomm il-cannabis. Huwa stat ta' fatt li d-droga kienet hemm, allura l-Qorti tistaqsi, kif l-imputata ma xammitiex?

L-imputata fl-istqarrija tagħha tat-28 ta' Awwissu 2019 li ġiet iffirmata minnha stess, issostni li l-basket tal-McDonalds li nstab ħdejn saqajha kien diġà hemm, u allura timplika li ma kienx **tagħhom**, jiġifieri **tagħha u ta' Jomic Calleja.** B' hekk l-imputata mhux talli qiegħda tinnega li l-basket huwa tagħha iżda tghid ukoll li dan lanqas huwa ta' Jomic Calleja:

> *"…*
> *T: Il-basket tal-McDonalds diga kien hem, jiġifieri kien hemm minn qabel ma dhalna fil-vettura*

*M: Meta qed tghidli dhalna fil-vettura ghal min qed tirreferi aktar?*
*T: Ghalija u Jomic Calleja*
...”

Din il-Qorti tqis ukoll ix-xhieda tas-Supretendent George Cremona, ta’ PS 212 Adrian Grima u ta’ PS 285 Jeffrey Cutajar li lkoll xehdu li huma kienu qegħdin ifittxu lil Jomic Calleja madwar Malta kollha għaliex kellhom informazzjoni li huwa kien fil-pussess tad-droga. Fil-fatt Jomic Calleja u l-imputata finalment instabu fil-pussess tad-droga, u propju l-imputata kienet bilqiegħda fil-karozza li kien qiegħed jagħmel użu minnha Jomic Calleja b’basket ħdejn saqajha bid-droga.

Il-Qorti ma tistax tinjora l-fatt li fir-rapport tiegħu mmarkat bħala Dok JM2, Joseph Mallia kkonkluda li l-ebda impronta ma kienet taqbel ma dik ta’ Luke Bonello. Luke Bonello kien l-aħħar persuna li għamel użu mill-vettura li fiha nstabet din id-droga, qabel ma’ din l-istess vettura intużat mill-imputata u Jomic Calleja.

Mil banda l-oħra mix-xhieda ta’ Joseph Mallia jirriżulta li filwaqt li meta saret il-komparazzjoni l-ebda impronta ma kienet qablet ma’ ta’ Marzia Marimar Maatouk, madanakollu **kien hemm waħda mill-impronti li kienet taqbel ma parti mill-pala tal-id ix-xellugija ta’ Jomic Calleja**. Dan il-fatt **jikkontradixxi l-verżjoni ta’ l-imputata** li ssostni li l-basket tal-McDonalds kien diġà hemm, u la kien tagħha u lanqas ta’ Jomic Calleja.

F’dan l-istadju l-Qorti qieset sew ukoll il-fatt li mill-analiżi ta’ Dr Marisa Cassar li kienet inkarigata tanalizża l-profili ġenetiċi li kienu ħarġu mill-kampjuni u l-profili ġenetiċi ta’ Jomic Calleja u l-imputata Marzia Marimar Maatouk, **irriżulta li minn basket ta’ lewn griż u kaħlani tad-ditta Renold flimkien mal-flokk ta’ lewn griż kien hemm profili ġenetiċi mħalltin u l-profil jaqbel ma ta’ Jomic Calleja u persuna oħra**.

Dan kollu jsaħħaħ it-teżi, u l-konvinċiment ta’ din il-Qorti li l-basket kien propju ta’ Jomic Calleja jew tal-imputata, jekk mhux tat-tnejn flimkien. Illi għaldaqstant jirriżulta li l-istqarrija ta’ l-imputata, **fejn hija tiddikjara li l-basket kien diġà fil-karozza, m’għandiex mis-sewwa u konsegwentement dan jinċidi fuq il-kreddibilta’ tal-imputata.**

Din il-Qorti tikkonkludi li mill assjem tal-provi indizzjarji li univokament kollha jippontaw lejn direzzjoni waħda, l-imputata kienet taf bil-basket, u kienet taf bil-

kontenut tiegħu, u l-fatt li dan instab propju ħdejn saqajha, jissodisfa l-element tal-pussess kif projbit mil-artikolu 8(d) tal-Ordinanza Dwar il-Mediċini Perikolużi, Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta. Għaldaqstant, din il-Qorti tista' tasal għal konvinċiment morali rikjest mil-liġi penali sabiex l-imputata tinstab ħatja ta' din l-imputazzjoni.

Finalment il-Qorti tiddikjara ukoll li hija kkunsidrat l-argumenti tad-difiża, li waqt is-sottomissjonijiet finali tagħha targumenta li fir-relazzjoni tal-espert forensiku baqa ma ġiex stabbilit l-ammont totali ta' cannabis misjuba. Din il-Qorti ma taqbilx ma dan l-argument u dan stante l-fatt li l-espert forensiku fir-relazzjoni tiegħu jindika li f'borża minnhom l-cannabis kellha piż ta' 109.30 grammi, f'borża oħra l-cannabis kellha piż ta' 212.33 grammi u fit-tielet borża il-cannabis kellha piż ta' 18.723 grammi għal total ta' 340.353 grammi. Din il-Qorti lanqas ma taqbel mat-teżi tad-difiża li għax it-THC huwa ta' 6.8 allura l-imputata ma għandhiex tinstab ħatja ta' pussess aggravat. Il-pussess aggravat jiġi determinat bil-piż u bil-kwantità ta' droga li l-imputat ikun inqabad bih. Finalment din il-Qorti lanqas ma tista' taqbel mat-teżi tad-difiża li l-laboratorju għandu jkun akkreditat u dan anke fid-dawl ta' diversi sentenzi mogħtija mill-Qrati Maltin **[Ara ir-Repubblika ta' Malta vs Etienne Farrugia deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri) fis-26 ta' Apri 2023].**

Fis-Sottomissjonijiet finali tagħha id-difiża tinsisti li l-prosekuzzjoni ma rnexxilhix tipprova l-każ tagħha "*beyond reasonable doubt*" u cioe liid-droga misjuba fil-karozza hija propju tal-imputata. Madanakollu din l-Qorti wara li eżaminat b'reqqa u bl-akbar attenzjoni il-provi kollha indizzjarji, ma taqbilx mal-argument tad-difiża li l-prosekuzzjoni ma rnexxilhiex tipprova l-każ tagħha sal-grad rikjest mil-liġi. Anzi din il-Qorti hija moralment konvinta li l-provi proċesswali jippuntaw lejn direzzjoni waħda biss, dik li nhar is-27 ta' Awwissu 2019 l-imputata verament kellha fil-pussess tagħha il-pjanta cannabis kollha jew biċċa minnha bi ksur tal-Artiklu 8 (d) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta u liema droga nstabet f'tali ċirkustanzi li juru li ma kienitx għall-użu esklussiv tagħha. **Illi għalhekk il-Qorti tqis li l-ewwel imputazzjoni tirriżulta sodisfaċentement ippruvata u għalhekk sejra issib lill-imputata ħatja ta' din l-imputazzjoni.**

3. **It-tieni imputazzjoni: Ikkommettiet dawn ir-reati fi, jew ġewwa distanza ta' mitt metru mill-parametru ta' skola, club jew xi post simili fejn normalment jiltaqgħu ż-żgħażagħ bi ksur tal-artikolu 22(2) tal-Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta.**

Mix-xhieda u mir-rapport tal-Perit Nicholas Mallia jirriżulta li l-Każin tal-Partit Nazzjonalista bl-isem Dar Eddie Fenech Adami, l-Każin Santa Liena – Banda Duke of Connaught's Own, Gove Bar, il-Każin Laburista ta' Birkirkara u l-McDonalds ilkoll jinsabu f'distanza ta' anqas minn mitt metru bogħod mill-post ta' fejn sar l-arrest ta' Marzia Marimar Maatouk.

Illi huwa evidentement ċar li f'dawn il-postijiet **normalment jiltaqgħu iz-zgħazagħ.**

Fis-sottomissjonijiet finali tagħha d-difiża ssostni li l-prosekuzzjoni ma rnexxilihx tipprova li fis-27 ta' Awissu 2019 x'ħin sar l-arrest tal-imputata f'dawn il-postijiet kien hemm iz-żgħażagħ. Madanakollu **il-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Inferjuri) fis-sentenza Il-Pulizija vs. Emanuel Calleja**, irriteniet hekk:

> *"Dwar distanzi mill-iskola sekondarja tal-Imriehel, din il-Qorti hija sodisfatta ... ... li l-istess apellant kien f'ċertu ħin ġewwa distanza ta' mitt metru mill-imsemmija skola sekondarja meta huwa kien fil-pussess ta' erojina fiċ-ċirkostanzi aktar 'l fuq imsemmija.* ***Naturalment huwa rrelevanti l-fatt li l-ġurnata in kwistjoni - 29 ta' Ottubru 1995 – kienet ġurnata tal-Ħadd****. Għalhekk dan it-tieni aggravju qed jigi wkoll respint."*

Konsegwentement, in vista tal-konklużjoni ta' din il-Qorti li l-pussess tad-droga ma kienx għall-użu esklussiv tal-imputata, l-aggravanti kontemplat fit-tieni proviso tal-Artikolu 22(2)(b) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta ġie wkoll ippruvat. Għalhekk din il-Qorti sejra ssib lill-imputata ħatja tat-tieni imputazzjoni wkoll.

## C. <u>Konsiderazzjonijiet dwar il-Piena</u>

Għall-fini tal-piena l-Qorti ikkunsidrat li l-imputata m'għandiex fedina penali allarmanti. Fl-2017 kienet instabet ħatja talli ma obdietx l-ordnijiet leġittimi tal-Pulizija u ma rrappurtatx l-għassa meta hekk mitluba u ngħatat piena ta' ammenda, filwaqt li fl-istess sena ikkommettiet serq sempliċi u ngħatat piena ta' twissija u twiddiba.

Madanakollu l-imputazzjonijiet tal-lum huma ta' natura serja peress li jinvolvu ammont ta' droga li kien fil-pussess tal-imputata u li huwa wieħed sinifikanti. In oltre in vista li r-reat sar f' distanza ta' mitt metru minn postijiet fejn jiltaqgħu ż-żgħażagħ, il-piena trid tiżdied bi grad skont il-liġi.

Mis-Social Inquiry Report tal-Probation Officer Noelene Cassar jirriżultaw numru ta' fatturi. Jidher li t-trobbija tal-imputata ma kienitx waħda faċli u setgħa kellha impatt fuq il-formazzjoni tagħha, fejn il-Probation Officer ħasset li kellha tindika n-nuqqas ta' mħabba mill-ġenituri tagħha. Hi trabbiet man-nanniet li għalkemm kienu jużaw ċerta dixxiplina magħha, jiġi rrappurtat li kienet tiżgiċċa minn din id-dixxiplina u mill-konsegwenzi ta' xi aġir li għalih kienet tiġi dixxiplinata. Hija ma tantx turi responsabbiltà f' dak li huwa l-impjieg tagħha u allura l-mezzi għall-għixien tagħha u anke tidher li tistrieħ u tiddependi xi ftit fuq ir-raġel tagħha.

Biss l-iktar punt inkwetanti fl-opinjoni ta' din il-Qorti u li toħroġ minn dan ir-rapport hi d-dipendenza tagħha fuq il-cannabis, u n-nuqqas ta' motivazzjoni li tagħmel xi ħaġa dwar din id-dipendenza. Fil-fatt hi taħbi din id-dipendenza minn dawk qrib tagħha. Ġaladarba hi ma tirrikonoxxix din id-dipendenza bħala problematika, konsiderando l-istat li fih tinsab bħalissa l-imputata, ovvjament qed issir referenza għal dawn il-proċeduri, ma hi se tagħmel xejn biex tegħleb dan il-vizzju. Tant hu hekk, skont ir-rapport hi qatt ma rrikorriet għall-għajnuna dwar dan il-vizzju. Din il-Qorti hija konxja dwar iċ-ċertifikat maħruġ mis-Supretendent tas-Saħħa Pubblika, biss b'daqshekk ma jfissirx li l-imputata m'għandiex bżonn għajnuna.

Din il-Qorti għaldaqstant se tipprovdi hi għal din l-għajnuna billi permezz ta' din is-sentenza sejra toħroġ ordni ta' trattament skont l-Artiklu 412D tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

## D. <u>Deċide</u>

Għal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-artikolu 8(d), l-artikoli 22(1)(a), 22(2)(b)(ii) u t-tieni proviso tal-artikolu 22(2)(b) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, ir-regoli 2, 9 u 16 tar-Regoli ta' l-1939 dwar il-Kontroll Intern ta' Mediċini Perikolużi (Avviż Legali 292/1939), l-artikolu 11, 14, 31 u 412D, u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta'

Malta kif ukoll l-artikolu 7(5)(c)(e) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta issib lill-imputata ħatja tal-imputazzjonijiet kollha dedotti kontriha u tikkundannaha għal piena ta' ħmistax (15) il-xahar priġunerija effettiva, li minnhom għandu jitnaqqas iż-żmien li hija nżammet taħt arrest preventiv in konnessjoni ma' dan il-każ biss, u għal multa ta' elf Ewro (€1000) li, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kodiċi Kriminali, tista' titħallas mill-ħatja f'rati mensili u konsekuttivi ta' mitt Ewro (€100) bl-ewwel pagament għandu jsir mhux aktar tard minn xahar mid-data li fiha l-ħatja tiskonta l-piena karċerarja li qed tiġi b'din is-sentenza erogata, u għal dan il-fini r-Reġistratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali għandu jivverifika mal-awtoritajiet karċerarji din id-data. Jekk il-ħatja tonqos milli tħallas pagament wieħed, il-bilanċ jiġi dovut minnufih u jiġi konvertit f'piena ta' priġunerija skont kif provdut fl-artikolu 11 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi in oltre ai termini ta' l-Artikolu 412D tal- Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tqiegħed lill-ħatja taħt Ordni ta' Trattament, għar-riabilitazzjoni tagħha mid-dipendenza fuq id-droga cannabis, u dan għal perijodu ta' ħmistax il-xahar f'dik l-istituzzjoni li tiġi rrakkomandata mill-Uffiċjal tal-Probation li jiġi maħtur mid-Direttur tal-Probation u Parole.

Il-Qorti tħoss li l-ħatja m'għandiex tbati l-ispejjeż inkorsi fil-ħatra tal-espert tekniku Timothy Losito u fil-ħatra tal-espert tekniku Keith Cutajar, iżda ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali, il-Qorti qed tikkundanna lill-ħatja għall-ħlas tal-ispejjeż inkorsi fil-ħatra tal-esperti fil-mori tal-inkjesta dwar il-każ odjern u fil-mori ta' din il-kawża kif ġej:

a. Stante il-fatt li r-relazzjonijiet tal-espert forensiku Dr Marisa Cassar ġew esibiti anke fil-kumpilazzjoni numru 551/2019, l-imputata għandha tħallas nofs l-ammont u cioé is-somma ta' elf, ħames mija, tnejn u disgħin ewro u tmenin ċenteżmi (€1,592.80c).
b. Stante l-fatt li r-relazzjoni tas-Scene of Crime Officers ġiet esibita anke fil-kumpilazzjoni numru 551/2019, l-imputata għandha tħallas nofs l-ammont u cioé s-somma ta' mija u sitta u ħamsin ewro u disgħa u għoxrin ċenteżmi (€156.29c).
c. Stante l-fatt li r-relazzjoni tal-espert Jurgen Schembri ġiet esibita anke fil-kumpilazzjoni numru 551/2019, l-imputata għandha tħallas nofs l-ammont u cioé is-somma ta' żewġ ewro u sitta u sittin ċenteżmi (€2.66c).

d. L-ispejjeż tar-relazzjonijiet ta’ Joseph Mallia li jammontaw għal seba’ mija u tnejn u tmenin ewro u tlieta u ħamsin ċenteżmi. (€782.53c).
e. Stante l-fatt li mill-proċess ma jirriżultax l-ammont tal-ispejjeż inkorsi fil-ħatra tal-espert forensiku Gilbert Mercieca u lanqas ma jirriżulta l-ammont tal-ispejjeż fil-ħatra tal- Perit Arkitett Nicholas Mallia, il-Qorti tordna sabiex dawn l-ispejjeż jiġu stabbiliti mir-Reġistratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali. Ġaladarba dawn jiġu stabbiliti, peress li r-relazzjonijiet tal-espert forensiku u l-espert perit arkitett imsemmija ġew esibiti anke fil-kumpilazzjoni numru 551/2019, l-imputata għandha tħallas biss nofs l-ammonti hekk stabbiliti mir-Reġistratur.

L-ammont komplessiv tal-ispejjeż minbarra l-ammonti li għad iridu jiġu stabbiliti skont il-paragrafu (e), jammonta għal elfejn, ħames mija u erba’ u tletin ewro u tmienja u għoxrin ċenteżmi (€2,534.28c) liema ammont flimkien mal-ammonti li għad iridu jiġu stabbiliti skont il-paragrafu (e), għandu jitħallas mill-ħatja fi żmien sitt (6) xhur mil-lum.

Tordna notifika ta’ din is-sentenza lir-Reġistratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali u lid-Direttur tal-Probation u Parole.

Tordna wkoll il-konfiska favur il-Gvern ta’ Malta tal-oġġetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta’ Malta ta’ kull flejjes jew proprjetà mobbli w immobbli oħra tal-ħatja.

Finalment, stante li għad hemm ħtieġa li d-droga tiġi preservata in konnessjoni ma kawża oħra pendenti, tordna li d-droga tibqa’ tiġi miżmuma mir-Reġistratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali skont il-Liġi.

**Dr Kevan Azzopardi**
**Maġistrat**

**Deputat Reġistratur**
**Josanne Gauci**

**< Sentenza Finali >**

**----------------------------------TMIEM----------------------------------**